MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 41/2010

**Arbitragg Numru: 1107/2007**

**Michele Peresso Ltd**

**vs**

**Dipartiment tas-Sahha u Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-3 ta' Dicembru 2010 ic-Centru Malti tal-Arbitragg ppronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"L-arbitru:-***

*Jesponi bir-rispett*

*A: Preliminari*

*Illi permezz ta' Avviz ta' Arbitragg, Michele Peresso Limited talbet li l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' Lm26,221 (€61,078.50) flimkien mal-interessi rapprezentanti bilanc dovut minn provvisti rizultanti minn tender T-296/93, DHMS 6731/92/BF.*

*Illi c-Chief Government Medical Officer wiegeb billi kkontesta l-ammont pretiz, anzi pprezenta kontro-talba fejn ippretenda hlas tas-somma ta' Lm26,221 relatati ma' krediti pretiz mill-istess kontra Michele Peresso Limited.*

*Din il-kontro-talba giet kontestata minn Michele Peresso Limited.*

*Illi d-Direttur tal-Kuntratti wiegeb illi m'hijiex il-manzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li jaffettwa hlasijiet.*

*Illi skont il-minuti ta ftehim li sar fl-1 ta' April 2003 bejn il-partijiet gie konkluz hekk:*

*1. Michele Peresso Limited agreed to drop all their claims against the Government with regards to this contract.*

*2. In return the Government will pay Michele Peresso Limited the sum of Lml04,122 out of a global claim against the firm of Lm130,334 - the only outstanding issue being that related to credits in respect of which a sum of Lm26,221 will still be withheld pending future discussions.*

*3. As a sign of goodwill, Michele Peresso Limited agreed to drop their claim against Government in respect of contract CT2179/94, OHMS 9708/93 - supply of anti-hemophelia Factor 8 1000 - L/A no. 158 of 10$^{th}$ March 1995 totalling Lm26,895 including Lm9,476 interests.*

*The above agreement shall come into force only if final approval by the Ministry of Finance is granted.*

*Jirrizulta illi eventwalment inghata l-istess approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi u sar il-hlas ta' Lm104,122 fuq*

*imsemmi u baqghet biss il-kwistjoni ta' Lm26,221 liema pretenzjoni tifforma l-mertu ta' dawn il-proceduri kemm bhala claim da parti ta' Michele Peresso Limited kif ukoll bhala kontro-talba da parti tad-Dipartment tas-Sahha.*

*IIIi l-partijiet ftiehmu illi l-Arbitragg jinstema' u jigi determinat minn Arbitru wiehed u cioe` l-Arbitru hawn sottoskritt.*

***B: Seduti u xhieda***

*III fil-korsta' dawn il-proceduri saru s-segwenti s-seduti. Seduta 1 tat-22 ta' Mejju 2007 fejn il-partijiet spjegaw il-vertenza relattiva bejniethom u gie pprezentat Dossier mis-socjeta` Michele Peresso Limited.*

*Seduta 2 tal-1 ta' Gunju 2007 fejn gie notat li l-Arbitragg gie registrat u li d-Direttur tal-Kuntratti gie notifikat u ta l-kunsens tieghu li jifforma parti minn dawn il-proceduri u inoltre, inhareg fee order mic-Centru tal-Arbitragg. Xehed ukoll Emanuel Peresso.*

*Seduta 3 tal-11 ta' Gunju 2007 rega' xehed Emanuel Peresso u xehdu wkoll Ronald Cachia u Leonard Callus.*

*Seduta 4 tal-11 ta$^{v}$ Lulju 2007 xehdet Anna Debattista.*

*Seduta 5 tal-31 ta' Lulju 2007 regghet xehdet Anna Debattista.*

*Seduta 6 tat-22 ta' Awwissu 2007 regghet xehdet Anna Debattista.*

*Seduta 7 tal-1 ta' Ottubru 2007 xehdet Anna Debattista u xehed ukoll Stephen Muscat. Seduta 8 tat-12 ta' Novembru 2007 xehdet Anna Debattista in kontro-ezami. Seduta 9 tat-18 ta' Dicembru 2007 regghet xehdet Anna Debattista. Seduta 10 tal-21 ta' Jannar 2008 regghet xehdet Anna Debattista in kontro-ezami. Seduta 11 tat-8 ta' Frar 2008 regghet xehdet in kontro-ezami Anna Debattista.*

*Seduta 12 tas-6 ta* Marzu 2008 kompla l-kontro-ezami ta' Anna Debattista. F'din is-seduta gie verbalizzat illi l-Avukati difensuri tal-partijiet qablu illi jekk l-Arbitru jikkonsulta lill-espert Dr. Alexander Aquilina (mobile 99498791), huwa ghandu jaghmel dan fil-presenza tal-partijiet u l-Avukati difensuri taghhom.*

*Seduta 13 tal-15 ta' April 2008 kompla l-kontro-ezami ta' Anna Debattista.*

*Seduta 14 tal-21 ta' Ottubru 2008 ma setgha jsir xejn ghaliex kellu jkompli l-kontro-ezami ta' Anna Debattista izda hi ma setghetx tattendi.*

*Seduta 15 tat-18 ta' Dicembru 2008 kompla l-kontro-ezami ta' Anna Debattista.*

*Seduta 16 tas-17 ta' Gunju 2009 regghet xehdet Anna Debattista u xehed ukoll Emanuel Peresso in ri-ezami.*

*Seduta 17 tat-18 ta' Gunju 2009 regghet xehdet Anna Debattista. Gie registrat ukoll illi l-partijiet m'ghandhomx aktar provi u ghalhekk l-Arbitragg baqa' sabiex il-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom u sabiex issir din il-konkluzjoni.*

*C: Sottomissioniiiet*

*Michele Peresso Limitedipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu u t-Tabib Principali tal-Gvern ipprezenta r-risposta tieghu fit-28 ta* Settembru 2009.*

*D: Dokumenti*

*Gew ezebiti wkoll is-segwenti dokumenti:*

*Dok EP1 - chrono-order of batch 2 and 3 preparat minn Emanuel Peresso*

***Dok** EP2 - second part of defense re fractionation case, dokument ippreparat u kkonfermat bil-gurament minn Emanuel Peresso*

***Dok** EP3 - fax memo minn Louis Maistre HI Michele Peresso Limited tas-27 ta' Dicembru 1995*

***Dok** EP4 - Farma Biagini S.p.a. tat-22/12 fejn fil-footnote hemm indikat li ser jibghatu 10 units ta' 500 ghat-tifel ta' Mrs Maistre*

***Dok** EP5 - Dossier Fractionation of Maltese plasma to be shipped to Farma Biagini as per medical stores notification dated November 11, 1995 - DHMS 6731/92 ippreparat minn Emanuel Peresso*

***Dok** EP6 - fax mibghut minn Michele Peresso Limited lil Farma Biagini fit-28 ta' Dicembru 1995 fejn apparti li tissemma' l-ordni ta' Louis Maistre, hemm talba ghall-kjarifika dwar indikazzjoni tas-sors tal-plasma minn Voluntary Non-Paid American Donors*

***Dok** AP6 - fax bid-data tal-24 ta' Settembru 1996 minn Michele Peresso Limited lil Tania Formosa*

***Faxxikolu bid-data 17 ta' Mejju 2007** ezebit minn Emanuel Peresso ghal Michele Peresso Limited li mieghu hemm is-segwenti dokumenti:*

*1. Summary tad-dokumenti ezebiti*

*2. Sensielata'dokumenti mmarkati kif ser jinghad:*

*Dok 1: ittra ta' Michele Peresso Limited lid-Direttur tal-Kuntratti tas-17 ta' Awwissu 1998*

*Dok 2: ittra tad-Dipartiment tal-Kuntratti lil Michele Peresso Limited tal-21 ta' Awwissu 1998*

*Dok 3: ittra ufficjali ta' Michele Peresso Limited lil Accountant General, Direttur tas-Servizzi Farmacewtici tal-Gvern u d-Direttur tal-Kuntratti tat-23 ta' Settembru 1998*

***Dok IB:*** *specifications and conditions for the supply of Fractionation of Maltese frozen plasma*

***Dok 2B:*** *l-offerta ta' Michele Peresso Limited ghat-tender ezebit bhala Dok 2B bid-data tas-16 ta' Settembru 1993*

***Dok3B:*** *fax mibghut minn Michele Peresso Limited lil Ivan Vassallo, it-Tezor fl-24 ta' Jannar l994*

**Dok** *4B: ittra mahruga mit-Tezor HI Michele Peresso fl-24 ta* Frar 1994 fejn informaw lil Michele Peresso li l-offerta tieghu giet accetata, mal-ittra hemm diversi kondizzjonijiet, hemm anness ukoll specifications and conditions for the supply of Fractionation of Maltese frozen plasma u kif ukoll Government Medical Stores technical conditions.*

*Ta' min jinnota illi fil-Government Medical Stores technical conditions hemm il-paragrafu 1 li ser jissemma' aktar tard f'dan l-award li jghid hekk:*

*All pharmaceuticals and dressings should meet those standards established by the British / European / International pharmacopeia or the British Pharmaceutical Codex or with standards acceptable to the Superintendent of Public Health. The Government reserves the right to request a certificate of analysis.*

***Dok 5B:*** *Fractionation Report mibght minn Farma Biagini rigward ammont ta' 3141.552 litres li gew fractionnated*

***Dok 6B:*** *fax mibghut mill-Government Medical Stores (Simone Vella) lil Michele Peresso Limited (Monica Bugeja) fit-13 ta' Frar 1995 fejn konfermat illi 2656.521 litres of Maltese plasma huma lesti biex jingabru halli jintbaghtu lil Farma Biagini*

***Dok 6B*** *(ukoll):fax mibghut minn Farma Biagini lil Michele Peresso Limited fid-9 ta' Mejju 1995 fejn ikkonfermaw li ottjenew l-awtorizzazzjoni li jircievu 2656.521 litres*

***Dok 7B:** fax mibghut minn Tanya Formosa (Medical Stores) lil Michele Peresso Limited fis-27ta' April 1995 rigwardanti 2656.521 litres Maltese plasma*

***Dok 8B:** Fractionation Report ta* Farma Biagini ta' 2656.521 litres*

***Dok 8B:** annex mal-imsemmi Fractionation Report konsistenti f'fax mibghut minn Farma Biagini lil Michele Peresso Limited fis-26 ta' Frar 1996*

***Dok 9B:** ittra tat-18 ta' Marzu 1996 mibghut mill-Medical Stores tal-Gvern lil Michele Peresso Limited fejn Michele Peresso Limited gew informati illi fid-delivery ta' AHFV111 -batch nos. 465041 (X1000IU) and 455013 (X500IU) - quantity 96,000 ID and 258,500 ID respectively. IIIi skont ir-rapport ta' NIBSC - UK, iz-zewg batch numbers ma lahqux l-EP requirement ta' percentage potency IU/Vial u anness ma' dan id-dokument hemm ir-rapport ta' NIBSC*

***Dok 10B:** rapport li sar fil-hmistax-il kungress tal-lnternational Society of Trombosis and Haemostasis li sar bejn 11 u 16 ta' Gunju 1995 intestat "Comparison between Chromogenic and Clotting Assays performed on highly purified FV111 concentrate"*

***Dok 10B**(ukoll):fax mibghut minn Michele Peresso Limited lil Government Pharmaceutical Services ghall-attenzjoni ta' Ms A Debattista bid-data tal-1 ta' April 1996 li mieghu hemm ukoll fax li huma kienu rcevew minn Farma Biagini fis-26 ta' Marzu 1996 fejn inghataw kummenti dwar id-divergenza bejn il-Coagulative Method u l-Chromogenic Method of testing*

***Dok 11B:** fax mibghut minn Michele Peresso Limited lil Government Medical Stores (Ms Tanya Formosa) fit-18 ta' Gunju 1996 li mieghu hemm mehmuz fax li huma kienu rcievew minghand Farma Biagini fit-12 ta' Gunju 1996 rigward biaven from Maltese plasma, factor V111 activity, high purity factor 1X u prothrombin complex*

**Dok 12B:** *fax mibghut minn Farma Biagini fil-5 ta' Mejju 1997 fejn hemm indikazzjoni li bejn il-chromogenic u l-coagulative tests jistghu jkun hemm disparita ta' 40%.*

**Dok 13B:** *fax mibghut minn Tanya Formosa ghall-Government Pharmaceutical Services lil Michele Peresso Limited fl-14 ta' Settembru 1996 fejn Mrs Formosa fost affarijiet ohra semmhiet illi l-yield fil-1000IU kienu 2/3 filwaqt li fil-500IU kienu 1/3 u li l-offerta ta' replacement of Biagini product ma kinetx accettabbli ghaliex id-Dipartiment ma accettax il-prodott ta' Sclavo u ziedet tghid*

*"we were informed by your suppliers that they intended to offer the Bio-test product as an alternative. We have requested further information regarding this product (the special conditions test) and to-date no answer has been received."*

*Hija tikkonkludi*

*"a full explanation of the above is expected. Thank you for your continued cooperation."*

**Dok 15B:** *fax minn Michele Peresso Limited lil Tanya Formosa fl-24 ta' Settembru 1996 bi twegiba ghall-fax taghha tal-14 ta' Settembru 1996 fejn ikkonfermaw illi l-yield kien ta' 53% ghall-1000IU u 47% ghall-500IU li mhux ezatt 2/3 u 1/3 kif proponit Ms Formosa. Hemm gie mizjud illi*

*"the use of chromogenic test has considerably effected the yield u li bl-uzu tal-chromogenic assay"*

*Ir-rizultati jkunu aktar baxxi. Huwa zied ighid illi bhala konsegwenza kellhom izidu l-potency f'kull vial li b'rizultat tieghu naqas il-yield. Rigward ir-rifjut tal-prodott ta' Sclavo, l-allegazzjoni tad-Dipartiment tas-Sahha giet kontestata u Michele Peresso Limited talbet aktar kjarifiki ta' natura xjentifika.*

**Dok 16B:** *ittra tal-Medical Stores tal-Gvern lil Michele Peresso Limited rigward talba ghall-hlas maghmula minn*

*Michele Peresso Limited kif ukoll fax mibghut minn Michele Peresso Limited lil Government Pharmaceutical Services fl-24 ta' Frar 1997 rigward outstanding invoices u ittra ta' Michele Peresso Limited lil Government Pharmaceutical Services rigward l-istess suggett.*

***Dok 17B**: ittra ta' Michele Peresso Limited lid-Direttur tal-Kuntratt tas-17 ta' Awwissu 1997 rigward talba ghall-hlas ta' Lm130,751.60*

***Dok 18B:** ittra tad-Dipartiment tal-Kuntratti tat-22 ta' Settembru 1998 lil Michele Peresso Limited li mieghu gie mehmuz rapport dettaljat intestat Fractionation of Maltese Plasma li gie kompilat minn Ms Jacqui Camilleri, Tanya Formosa u Joe Farrugia. Dan ir-rapport jikkonsisti f'ezami dettaljat dwar batches 2 u 3 u working papers relattivi fejn inter alia hemm indikat illi rigward batch 2 il-Gvern kien qed jippretendi credit ta' Lm10,571 u fir-rigward ta' batch 3 kien qed jippretendi credit ta' Lm15,650 - total ta' Lm26,221 li huma proprju s-suggettta' dan l-Arbitragg*

***Dok 19B:** ittra minn Michele Peresso Limited lil Ministru tas-Sahha Dr Louis Deguara fit-2 ta' Awwissu 1999 fejn intalab hlas ta' Lm130,495.75 relattivament ghal sitt invoices li hargu bejn Jannar u Ottubru 1996 u kif ukoll talba ghall-hlas ghall-interessi relattivi li sa dakinhar kienu jammontaw, skont Michele Peresso Limited, ghal Lm36,414*

***Dok 20B:** notament dwar laqgha li saret fl-1 ta' April 2003 li huwa ftehim fejn hemm miktub hekk:*

*1. Michele Peresso Limited agreed to drop all their claims against Government with regards to this contract.*

*2. In return Government will pay Michele Peresso Limited the sum of Lm104,122 out of a global claim of Lm130,344 - the only outstanding issue being that related to credits in respect of which a sum of Lm26,221 will still be withheld pending final discussions.*

*3. As a sign of goodwill, Michele Peresso Limited agreed to drop their claim against Government in respect of contract CT2179/94, DHMS 9708/93 - supply of anti-hemophelia factor 8 1000 - LA no. 158 of 10th March 1995 and totalling Lm26,895 including Lm9,476 interests.*

*4. The above agreement shall come into force only if final approval by the Ministry of Finance is granted.*

*Dan il-ftehim gie ffirmat fl-1 ta' April 2003 minn Dr Ray Busuttil Director General of Health, J V Spiteri Director General of Contracts, Mr Ray Bonello Assistant Director of Contracts, Mr J Meli Assistant General of Contracts, L Friggieri Assistant Genera (Office of Director General), Mr E Peresso Managing Director Michele Peresso Limited.*

*Jirrizulta illi eventwalment il-Ministru tal-Finanzi approva dan il-ftehim u sar il-hlas ta' Lm104,122 fuq imsemmi.*

***Dok 21B:** Kalkolu dwar l-interessi mahduma bir-rata ta' 10.5% as per ED Directive mill-1 ta' Ottubru 1998 sal-21 ta' Mejju 2007 ammontanti ghal Lm64,702.54.*

***Dok 22B:** ittra dettaljata minn Michele Peresso Limited tat-23 ta' Frar 2007 lil Ray Busuttil Director General Department of Health fejn intalab hlas ta' Lm26,221 flimkien ma' Lm36,989.26 interessi.*

***Dok 22BB:** acknowledgement mid-Dipartiment tas-Sahha ghal din l-ittra.*

*Gew ezebiti wkoll is-segwenti dokumenti:*

***Dok 23:** kopja ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2002 minn Michele Peresso Limited lil Accountant General u ohrajn.*

***Dok 24:** ittra ufficjali responsiva mid-Direttur tal-Kuntratti lil Michele Peresso Limited fil-21 ta' Marzu 2002.*

***Dok 25:** ittra ufficjali responsiva lil Michele Peresso Limited mit-Tabib Principali tal-Gvern u Direttur tas-Servizzi Farmacewtici fid-19 ta' April 2002*

*Dokument immarkat **49**: ittra tat-22 ta' Frar 2006 minn Michele Peresso Limited lil Edward D'Agostino Director Finance and Administration Ministry of Health the Elderly and Community Care*

*Dokument immarkat **50:** ittra ta' Mr D'Agostino b'risposta ghall-ittra precedenti fit-8 ta' Marzu 2006 fejn anness mieghu hija ittra ta' Ms A Debattista tas-6 ta' Marzu 2006*

*Dokument immarkat BP1993: li huwa l-British Pharmacopea addendum 1995 li jibda bil-page 1690 u 1691*

*Dokument immarkat BP1993 Vol 11: li jibda bil-page 1163 li huwa l-British Pharmacopea tal-1993*

*Dokument immarkat TF1: konsistenti f fax mibghut minn Tanya Formosa HI Michele Peresso Limited rigward il-Fractionation of third batch of Maltese plasma.*

*Anness ma' dan id-Dokument immarkat bhala TF2 hemm fax minn Farma Biagini III Michele Peresso Limited,*

*TF3 fax minn Tanya Formosa lil Michele Peresso Limited,*

*TF4 fax minn Tanya Formosa lil Michele Peresso Limited,*

*TF5 id-delivery note/invoice ta' Michele Peresso Limited tas-16 ta' Awwissu 1996 u anness mieghu hemm dikjarazzjoni ta' Farma Biagini u rapport tal-istess laboratorju fuq batch 456005 u 466023*

***Dokument immarkat bl-ittra "I"** ezebit minn Anna Debattista fit-22 ta[1] Awwissu 2007 li huwa rapport tal-10 ta' Mejju 1996 rigward anti-hemophelia factor 8 preparat minn Tanya Formosa.*

*Anness mieghu huwa rapport maghmul mill-Blood Product Advisory Committee iffirmat mill-Professur J Rizzo Naudi, Dr R Schembri Wismayer u Ms Tanya Formosa*

*Faxxikolu ezebit minn Anna Oebattista fit-22 ta' Awwissu 2007 immarkat Supply of Anti-Hemophelia Factor 8 by Michele Peresso Limited bid-data tat-3 ta' Settembru 2001 li jibda b'Synopsis ippreparat minn J Church Director Corporate Services tat-3 ta' Settembru 2001 u anness mieghu hemm:*

*- rapport preparat minn Jacqui Camilleri, Tanya Formosa u Joe Farrugia u sensiela ta' dokumenti u cioe` ittra tal-20 ta' Awwissu 1998 minn L Wismayer lil Director of Contracts,*

*- ittra minn Michele Peresso tat-8 ta' Marzu 1999 lid-Direttur tal-Kuntratti,*

*- statement preparat minn Michele Peresso,*

*- ittra ta' Michele Peresso Limited lid-Direttur tal-Kuntratti tat-2 ta' Awwissu 1999,*

*- fax ta' Farma Biagini tas-26 ta' Marzu 1996,*

*- rapport ta' Sclavo (gia ezebit) mill-Hmistax-il Kungress tal-International Society of Trombosis and Haemostasis, dossier on delays of late delivery of blood products between 1994 to 1995 kompilat f'April 1997,*

***- ittra** tad-Diretturtal-Kuntratti lil Government Pharmaceutical Services tal-15 ta' Novembru 1999 rigward il-Contract of Fractionation of Maltese Plasma - Michele Peresso Limited,*

***- ittra** mill-Government Pharmaceutical Services lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti b'risposta ghall-ittra tal-15 ta' Novembru 1999 iffirmata minn T Formosa, L Friggieri u J Farrugia,*

***- ittra** tal-5 ta' Lulju 2000 mid-Dipartiment tas-Sahha lid-Direttur Generali tal-Kuntratti,*

***- ittra** tad-Dipartiment tal-Kuntratt lid-Direttur Generali tas-Sahha ta' Gunju 2000,*

***- ittra** tal-Government Medical Stores tal-21 ta' Mejju 1997 lid-Direttur tal-Kuntratti,*

***- ittra** tal-Government Pharmaceutical Services lid-Direttur Generali tal-Kuntratti tal-5 ta' Mejju 2000*

***Faxxikolu iehor ippreparat minn Anna Debattista u ezebit fit-22 ta' Awwissu 2007 intestat The Malta Plasma Fractionation Project - The Different Phases.***

***Pagna 1** hemm sketch dwar kif il-plasma giet trasportata isegwi mbaghad b'rapport ghall-finijiet ta' dan l-Arbitragg fejn hemm diversi sottomissjonijiet u kummenti.*

*Dok A huma l-specifications and conditions for the supply of Fractionation of Maltese plasma, jigifieri l-offerta tat-tender li hareg il-Gvern u mehmuz mieghu huma t-technical conditions tal-Government Medical Stores u l-General Conditions of Contract for the supply of materials and other articles.*

*Dok B hija l-offerta ta' Michele Peresso Limited tas-16 ta' Settembru 1993.*

***Dok Cl** hija ittra tat-Tezor lil Michele Peresso Limited fejn gie informat li t-tender gie accettat u ittra ohra tat-18 ta' Ottubru 1994 dwar l-istess suggett immarkata bhala Dok C2.*

*Dok D huwa certifikat rilaxxat minghand Farma Biagini fil-15 ta' Novembru 1995 dwar batch 465041.*

***Dok E** huwa rapport minn NIBSC dwar batches 954005 u 952947.*

***Dok F** hija fax minn Farma Biagini lill-Government Pharmaceutical tad-29 ta' April 1996.*

***Dok G** ta' Aima Derivanti S.p.a. fuq batch 455013.*

***Dok H** hija ittra anonima tad-29 ta' April 1996 lil Officer in Charge Medical Stores St Luke's Hospital fejn hemm ilment dwar l-anti-hemophelia factor 8 by 1000 units u maghha hemm ukoll ittra tal-15 ta' Mejju 1996 preparata minn L Wismayer Principal Pharmacist.*

***Dok I** hija ittra lid-Direttur tal-Kuntratti mill-Government Medical Stores iffirmata minn L Friggieri u T Formosa fid-29 ta' Lulju 1996 u mehmuza maghha hemm fax ta' NIBSC tal-1 ta$^{N}$ April 1996 u rapport rigward normal human immunoglobulins fractionnated from Maltese plasma.*

*Dok J1 hija fax tal-Ministeru tal-Finanzi (J Scicluna) lil Dr R Busuttil Direttur Generali tas-Sahha.*

*Dok J2 ittra mid-Dipartiment tas-Sahha lil Mr J Scicluna Ministeru tal-Finanzi dwar il-propost ftehim ma' Michele Peresso Limited*

*Dok J3 hija minute tal-Ministeru tal-Finanzi tal-11 ta' April 2003*

*Dok K huwa spreadsheet dwar ir-rizultati fuq batch no. 2 u no. 3 ghall-Fractionation ta' Maltese frozen plasma.*

*Gie ezebit faxxikolu iehor immarkat bhala Dok BG2 intestat Fractiontion of Maltese Plasma li huwa rapport kompilat minn Jacqui Camilleri, Tanya Formosa u Joe Farrugia u dan gia jinsab ezebit u jikkonsist f rapport fuq batches 2 u 3 fuq imsemmija.*

*Gie ezebit ukoll dokument fit-18 ta' Dicembru 2008(9) li hija ittra ta' Colin Longstaff ta* NIBSC lil Tanya Formosa tal-Government Pharmaceutical Service fis-17 ta' Settembru 1996 li maghha hemm ukoll ir-rizultati tal-istess NIBSC fuq varji batches. Mal-istess dokument hemm ukoll dokumentazzjoni li juru kif l-istess batches intbaghtu.*

*Dokument immarkat June 09 li huwa l-specifications and conditions for fractination of Maltese fresh frozen plasma, Health Division, Valletta Malta.*

*Ittra tat-23 ta* Frar 2007 mill-Governmental Pharmaceutical Services (Mr Stephen Muscat Financial Controller) lil Dr R Busuttil Director General tal-Health Department rigward il-vertenza dwar l-Lm26,221. Mal-ittra hemm mehmuz kopja tal-ftehim tal-1 ta' April 2003 u decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi tal-11 ta' April 2003.*

*<u>E: Konsiderazzjonijiet:</u>*

*1. Mill-provi prodotti jirrizulta illi d-Dipartiment tal-Kuntratti hareg tender sabiex Maltese Fresh Frozen Plasma tigi fractionated ghall-varji blood products fosthom anti-hemophelia factor VIII.*

*2. Il-kumpanija Michele Peresso Limited issottomettiet offerta fis-16 ta' Settembru 1993 u saru zewg kjarifiki fit-12 u l-24 ta' Jannar 1994 u eventwalment, permezz ta' fax tat-18 ta' Frar 1994 kif konfermata wkoll b'ittra ta' Frar 1994 din l-offerta giet accettata u ghalhekk it-tender u ftehim bejn il-partijiet kien illi l-Gvern ta' Malta jissuplixxi approsimattivament ghaxart elef litru ta' Maltese Fresh Frozen Plasma u sabiex dan jigi fractionated ghal anti-hemophelia factor VIII u varji haemoderivatives skont id-dettalji teknici pattwiti. Il-konsenji kellhom jkunu minimanet ta' 2500 litru 'l wiehed.*

*3. Jirrizulta illi eventwalment intbaghatu tliet batches ta' Maltese fresh frozen plasma li gew fractionated.*

*4. Dwar <u>l-ewwel batch</u> ma kien hemm l-ebda kwistjonijiet u l-invoices ta' Michele Peresso Limited thallsu in toto minghajr kwistjoni.*

*5. Dwar it-tieni u t-tielet batches kien hemm varji ilmenti min-naha tad-Dipartiment tas-Sahha konsistenti:*

*6. Fir-rigward ta' <u>batch number 2.</u>*

*- claims ghall-credits,*
*- kumpens ghal delivery delays,*
*- differenzi fir-rati u*

*- direct order/purchases on account u*
*- obsolete stock*

*7. u fir-rigward ta' batch number 3*

*- credits u*
*- direct order/purchase on account.*

*8. Dawn l-lmenti gew komplessivament stmati ghal kwazi l-istess ammont, ossia valur, tal-invoices mibghuta minn Michele Peresso Limited fejn talab il-hlas tas-servizzi minnhu moghti fir-rigward ta batch 2 u batch 3.*

*9. Eventwalment saru diversi diskussjonijiet bejn il-partijiet u intlahaq ftehim li permezz tieghu l-issues koncernanti delivery delays, differences in charge rates, direct order/purchase on account u obsolete stock gew rizolti u l-unika issue li ma gietx rizolta hija dik relattiva ghall-credits, kemm ghall-batch 2 u kif ukoll ghall-batch 3.*

*10. Abbazi ta' dan il-ftehim, minn invoices ammontanti ghal Lm130,344, il-Gvern accetta li jhallas Lm104,122 u fil-ftehim inkiteb hekk:*

*"The only outstanding issue being that related to credits in respect of which a sum of Lm26,221 will be withheld pending future discussions."*

*Eccezzioni preliminari*

*11. L-ewwel punt li ghandu jigi rizolut permezz ta' dan l-Arbitragg huwa jekk is-socjeta` Michele Peresso Limited ghadx ghandha pretenzjonijiet kontra l-intimati in vista tal-fatt illi fl-istess agreement hemm ukoll indikat, senjatament ghat-tender in kwistjoni illi:*

*"Michele Peresso Limited agreed to drop all their claims against Government with regard to this contract."*

*12. L-esponenti huwa tal-fehma illi l-ftehim fuq imsemmi ghandu jigi interpretat minn qari totali tal-istess u mhux*

*billi tigi estrapolata parti wahda u tinjora l-kumplament ta' dak li hemm miktub.*

*13. Huwa evidenti illi meta saru d-diskussjonijiet bejn il-partijiet, kien hemm deadlock dwar il-claim tal-credits ammontanti ghal Lm26,221. Huwa car ukoll illi dan l-aspett gie mholli ghal diskussjonijiet futuri fis-sens illi jekk din il-partita tigi determinata in toto jew in parte favur Michele Peresso Limited, allura l-Gvern ta' Malta jkollhu jhallas l-ammont relattiv. Jekk le, allura l-Gvern ma jhallas xejn u jibqa' fl-istat kif inhu.*

*14. Huwa relevanti hafna l-fatt illi fil-ftehim hemm miktub illi l-ammont ta' Lm26,221 "will still be withheld pending future discussions" li jfisser illi l-ammont qed jigi mizmum mill-claim totali li kien qed jaghmel Michele Peresso Limited ta' Lm130,344 u ma kienx qed jigi withheld minn xi pretenzjoni ohra tal-Gvern ta' Malta.*

*15. Di fatti f dan il-ftehim ghalkemm jissemmew credits, ma tissemma' l-ebda pretenzjoni da parti tal-Gvern ta' Malta kontra Michele Peresso Limited.*

*16. Stephen Muscat, il-Financial Controller tad-Dipartiment tas-Sahha fir-rapport tieghu fuq imsemmi indika bl-oppost u sahansitra wasal ghall-konkluzjoni li skont hu l-ftehim ghandu jigi interpretat illi Michele Peresso Limited qatt ma tista' tivvanta aktar pretenzjonijiet kontra l-Gvern ta' Malta izda huwa biss il-Gvern ta' Malta li jista' jivvanta pretenzjonijiet kontra Michele Peresso Limited fir-rigward tal-imsemmija credits.*

*17. L-esponenti ma jaqbilx u huwa tal-fehma u hekk jikkonkludi illi fir-rejalta` dan mhux il-kaz. Minn qari tat-tender documents huwa evidenti illi l-credits huma applikabbli biss f' kazijiet fejn, meta l-Fresh Frozen Maltese Plasma tigi fractionated, ikun hemm supply aktar milli jkun hemm domanda ghall-Gvern ta' Malta u allura s-supply izzejjed ikun jista' jinzamm minn Farma Biagini u jkollha tikkredita lill-Gvern ta' Malta skont rati specifikati (rati naturalment inqas minn dawk applikabbili meta l-konsenja tigi konsenjata lid-Dipartiment tas-Sahha).*

*18. F'dan ir-rigward, l-allegati credits li huma mertu ta' dawn l-proceduri in parti (parti zghira kif ser jinghad aktar 'l quddiem) huma credits izda l-parti l-kbira m'humiex izda huma biss pretenzjoni tal-Gvern ta' Malta fir-rigward tal-fatt illi skont il-Gvern ta' Malta xi prodotti ma kellhomx il-potency patwit bejn il-partijiet u ghalhekk* kellu *jinghata kumpens relattiv.*

*19. Dwar dan l-aspett se jinghad aktar 'il quddiem, pero' ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni, l-esponenti huwa tal-fehma u jikkonkludi ghalhekk illi huwa evidenti illi skont l-imsemmi ftehim, Michele Peresso Limited irrizervat il-posizzjoni taghha biex tivvanta, jekk fil-mertu ghandha ragun, il-pretenzjonijiet taghha dwar il-bilanc ta' Lm26,221 u ghaldaqstant din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda u ghalhekk ser jigi indirizzat l-meritu.*

***IL-Mertu***

*20. Fir-rigward tal-mertu, il-kwistjoni kollha hija naxxenti mill-ewwel paragrafu tal-Conditions and Specifications fuq imsemmi li se jigi ripetut hawnhekk.*

*All pharmaceutical and dressings should meet those standards established by the British / European / International pharmacopeia or the British Pharmaceutical Codex or with standards acceptable to the Superintendent of Public Health. The Government reserves the right to request a certificate of analysis.*

*21. Meta inghata t-tender u sar il-ftehim bejn il-partijiet, it-testing ossia assay sabiex jigi verifikat il-potency tal-anti-hemophelia factor VII kien isir permezz ta' metodu maghruf bhala metodu koagulattiv - Coagulative Assay.*

*22. L-ewwel batch fil-fatt gie fractionated u ttestjat b'dan il-mod u kollox kien accettabbli u ma kienx hemm kwistjonijiet. Meta gew ghat-tieni u t-tielet batch, il-pharmacopeia Ingliza nbidlet u fil-fatt skont l-addendum tal-1995 li gie ezebit jirrizulta illi l-metodu ta' Assay inbidel*

*ghal wiehed chromogenic - Chromogenic Assay - u ghalhekk iz-zewg testijiet bdew jaghtu rizultati differenti.*

*23. Fil-fatt, meta l-prodott intbaghat Malta minn Farma Biagini, il-prodott supplit kien skont il-limiti patwiti bejn il-partijiet izda meta l-istess prodott gie testjat minn NIBSC - laboratorju l-Ingilterra ingaggat apposta mill-Gvern ta' Malta, dan il-laboratorju kkonduca l-assay permezz tal-metodu kromogeniku.*

*24. Il-laboratorju Taljan - Farma Biagini, li kien ingaggat biex jaghmel il-fractionation, ukoll ghamel it-testijiet tieghu u ghalkemm ir-rizultati tieghu bis-sistema kromogeniku ma kienx identiku ghal dak ta' NIBSC, kien kwazi l-istess. Fiz-zewg kazijiet kien hemm avarija ta' approssimativament 20% ghal 30% bejn t-test koagulattiv u l-metodu kromogeniku.*

*25. Id-Dipartiment tas-Sahha jsostni li rcieva ilment minghand pazjent liema ilment huwa anonimu. Dan l-ilment jidher illi* kellu *certu impatt fuq il-Blood Products Advisory Committee li skont il-minuti anke rceviet ilmenti verbali, fis-sens illi l-prodott ma kienx qed jaghti r-rizultati mistennija u sabiex l-istess prodott jaghti r-rizultat mistenni, pazjent* kellu *jiehu aktar kwantita`.*

*26. Stante li hadd minn dan il-Kumitat ma xehed u minkejja li xehdet estensivament Anna Debattista, hija ma kinetx direttament involuta f'dan il-process, l-esponenti jkollu jaghti valur provadizju limitat ghal dawn il-konkluzjonijiet raggunti mill-intimati, ghalkemm ma jistghax jinjorhom ghal kollox.*

*27. Is-socjeta` Michele Peresso Limited ezebit rapport estensiv dwar id-divergenza bejn il-metodu koagulattiv u l-metodu kromogeniku u mill-istess rapport, liema rapport fl-ebda hin ma gie zmentit, jidher car illi z-zewg metodi ta' assay jaghtu rizultanti divergent bejn wiehed u iehor fil-percentwali fuq imsemmi.*

*28. Hawnhekk imbaghad iqum aspett iehor u dwar jekk fil-kamp ta' sahha, it-tenderer huwiex obbligat illi*

*f'sitwazzjoni simili, joqghod ghal testijiet aktar recenti (u stretti) minn dawk originarjament pattwiti.*

*29. Mill-provi prodotti jirrizulta bic-car partikolarment mix-xhieda ta' Anna Debattista illi fl-ebda hin ma l-intimati informaw lil Michele Peresso Limited illi kien inbidel il-pharmacopeia u li ghalhekk il-Gvern ta' Malta kien qed jistenna illi l-batches 2 u 3 jigu ttestjati b'sistema differenti minn kif gie ttestjat il-batch numru 1.*

*30. Fil-mument li l-ftehim gie konkluz bejn il-partijiet, il-pharmacopeia ezistenti kienet fis-sens illi t-testing isir permezz tal-metodu koagulattiv u kien a bazi ta' dan l-metodu li s-socjeta' Michele Peresso Limited accetat li tipprovdi l-minimum u maximum potency levels tal-eventwali prodotti. L-esponenti ma jeskludiex il-possibilita` illi f'affarijiet ta' sahha l-Gvern ghandu dritt jinsisti illi f'sitwazzjoni simili tenderer joqghod ghal pharmacopeia l-aktar recenti u aggornata izda fl-istess hin wiehed jistenna wkoll illi meta jkun hemm bidla, bhalma gara fil-kaz odjern, li permezz taghha r-rizultati jvarjaw, allura l-istess supplier mhux necessarjament ikun tenut li jipprovdi l-istess potency levels galadarba huwa evidenti illi bl-assay kromogeniku r-rizultat ser ivarja mil-assay koagulattiv.*

*31. Meta Michele Peresso Limited tat l-offerta taghha, liema offerta kienet accettata, kien evidenti anke mill-istess offerta li hija kienet qieghda taghmel din l-offerta fis-sens illi t-testijiet isiru bil-metodu koagulattiv u anke minn qari tal-offerta tal-istess Michele Peresso hemm referenzi f'dan is-sens. Parti ma tistax unilateralment tbiddel il-kondizzjonijiet ta' ftehim bhalma qed jippretendu l-intimati. Galadarba nbidel il-pharmacopeia, huma kienu obbligati li jinformaw lis-socjeta' Michele Peresso Limited u jaghtuha l-possibilita` li jew tkompli bl-istess tender bl-istess pattijiet u kondizzjonijiet, jew tirrifjuta jew inkella taghmel offerta gdida b'modifiki xierqa u opportuni. Dawn il-possibilitajiet ma inghatawx lil Michele Peresso Limited fir-rigward tat-2 batch u l-ilmenti kollha qamu ex post facto izda fir-rigward tat-tielet batch is-sitwazzjoni hija daqxejn differenti*

*32. Ghalhekk tajjeb li l-ammont mizmum jigi ezaminat item b'item.*

*33. Minn ezami tar-rapport dettaljat imhejji minn Jacqui Camilleri, Tanya Formosa u Joe Farrugia fir-rigward ta' batch number 2 kien hemm il-credit ossia d-deduzjoni maghmula mill-kont ta' Michele Peresso Limited ammontanti ghal Lm10,571 kalkolat kif ser jinghad:*

| | |
|---|---|
| *Albumin factor VIII* | *Lm9,675* |
| *Factor IX* | *Lm361* |
| *Human albumin* | *Lm31* |
| *Immunoglobulins* | *Lm 504* |

*34. Fir-rigward ta' batch number 3 il-breakdown ta' Lm15,650 huwa kif ser jinghad:*

| | |
|---|---|
| *Factor VIII* | *Lm9,448* |
| *Factor IX* | *Lm503* |
| *Human albumin* | *Lm2,433* |
| *Immunoglobulin* | *Lm3,266* |

*35. Skont ir-rapport ta' Camilleri Formosa Farrugia, ir-reductions fuq batch 2 huma kif ser jinghad;*

*36. Dawn gew spjegati minn Anna Debattista fix-xhieda taghha li tat fil-31 ta[v] Lulju 2007 u fit-22 ta' Awwissu 2007*

*Factor IX*

*"In respect to the claim of the Ministry regarding Factor 9, this has been calculated as according to the yields expected per contract on the volume of blood supplied and that actually delivered. According to the contract Michele Peresso Limited should have delivered 140 ID per liter and in fact when this was delivered, they delivered less and therefore the Department paid for what was delivered and the amount which was short delivered we claim is due to the Department.*

*It is our contention that at this point the age of the plasma is irrelevant because we were talking about yields and in their quotation Michele Peresso Limited gave the same amount of yields as a maximum and minimum level. Mr Peresso stated in his evidence on page 5 that they came out with a yield of 142 ID per liter.*

*I would like to explain that in regards to factor 9 according to the spreadsheet page 2 to which I have already referred, Michele Peresso Limited should have supplied a minimum expected yield of 40000 units for pure and 30000 units for the complex ID. In actual fact, instead of supplying 40000 he supplied 45000 IU and this was in excess of the 140 ID per liter and therefore as a result we calculated that there was a credit difference of Lm361. Whether this credit difference is owed to or by Michele Peresso Limited can be explained by Mrs Jackie Camilleri when she eventually*

*Factor VIII*

*"I am going to explain the position regarding factor 8 and I have explained this already in the report which I have submitted today. Regarding factor 8 I would like to make specific reference to Document D which is the result presented to us by Farma Biagini on the batch regarding the 1000 IU. On this document it is clear that they only carried out the test according to the co-agulative method and the result was 1057, i.e. within the range of potency between 800 and 1200. On this document there is a row dealing with potency to be tested under the chromogenic method but there is no result shown, but I would like to point out that as to the requirements concerned, Farma Biagini indicated the same test potency requirements for both the chromogenic and the co-agulative thest. When we examined the product and sent it to NIBSC, we got the results shown on Document E and in fact the two batches failed in that Batch 465041 indicated a potency of 65% instead of the desired range of between 80% and 120% whereas Batch 455013 which is for the 500IU, whereas the other batch was the 1000IU, the result was 77% namely less than the 80% to 120% required. Document G*

*shows the results of Farma Biagini regarding the 500IU namely Batch 455013."*

***<u>It-tieni Batch</u>***

*37. Ghar-rigward tat-tierii batch, dan gie konsenjat lil Michele Peresso Limited f'Mejju 1995 u ntbaghat lil Farma Biagini fis-26 ta' Mejju 1995. L-ammont kien jikkonsisti f' 2,656.521 litri. Skont din il-konsenja d-Dipartiment tas-Sahha qed jikkontendi li ghandu jkun hemm deduction ta' Lm10,571 kif fuq inghad. Tajjeb li l-erba' tipi ta' factors jigu ezaminati separatament.*

*<u>Factor VIII - Tieni Batch - Ammont mizmum €22536 ekwivalenti ghal Lm9675.</u>*

*38. Dwar Factor 8 il-minimu tal-yield mistenni kien ta' 305,500IUs u l-massimu kien ta' 371,913IUs. Dawn kellhom jigu mqassma kwantu ghal ¾ go viali ta' 500IU u ¼ go viali ta' 1000IU. Gew konsenjati 517 vial ta' 500IU u 96 vial ta' 1000IU b'total ta' 354,500 u dan entro l-limiti fuq imsemmija, izda gara illi meta din l-istess konsenja giet testjata permezz tal-metodu kromogeniku u mhux tal-metodu koagulattiv instab illi l-yield kien anqas minn dak mistenni u fil-fatt skont id-Dipartiment, il-viali li suppost kellhom 500lUs fil-fatt kellhom approsimattivament 383IU, filwaqt li l-viali li suppost kellhom 1000IUs fil-fatt gew iccertifikati minn NIBSC li kellhom 649111s u b'hekk meta wiehed jirrikkalkola t-total ta' IUs suppliti, skont ir-rapport ta' Camilleri, Formosa u Farrugia, fil-fatt gew konsenjati 260,315IUs meta fil-fatt id-Dipartiment gie invoiced ghal 354,500IUs.*

*39. Id-Dipartiment qed jikkontendi ghalhekk illi l-invoice relattiv ghandu jigi mnaqqas proporzjonalment stante illi skont id-Dipartiment kien hemm shortfall ta' IUs konsenjati.*

*40. F'dan ir-rigward l-esponent huwa tal-fehma illi fil-kaz odjern, skont ic-certifikat rilaxxat minn Farma Biagini, il-viali kellhom il-kwantita` ta' IUs minnhom indikati u dan b'rizultat tat-test koagulattiv. Hadd ma avza lil Michele*

*Peresso Limited li kienet inbidlet is-sistema ta' testing ta' dan il-prodott u fil-fatt l-ewwel darba li qamet il-kwistjoni, kienet effettivament wara li kienet gia intbaghatet <u>it-tielet konsenja</u> u certament f'dan ir-rigward l-esponenti huwa tal-fehma illi s-socjeta' Michele Peresso Limited ghandha tinghata l-beneficcju tad-dubju u stante li hija pprovdit il-prodott skont dak li hemm dispost fil-kondizzjonijiet tat-tender u dak li gie attwalment patwit bejn il-partijiet, huwa tal-fehma illi f'dan ir-rigward m'ghandu jkun hemm l-ebda tnaqqis fir-rigward tal-ammont mitlub minn Michele Peresso Limited fir-rigward ta' dan il-factor.*

*41. Illi ghalhekk s-socjeta` Michele Peresso Limited ghandha tircievi l-ammont ta €22,536 ekwivalenti ghal Lm9675*

*<u>Factor IX Tieni Batch ammont mizmum €841 ekwivalenti ghal Lm361</u>*

*42. Ghar-rigward ta' Factor 9 fit-tieni batch, issir referenza ghal dokument 8B li huwa fractionation report ta' Farma Biagini u minn dan ir-rapport jirrizulta hekk:*

*43. "due to the reduced requirement, only 1,222 litres of plasma were fractionated and therefore the yield was 142.4IU / litre (minimum offer 140IU / litre). The vials not lifted were utilised by Farma Biagini, which will have to compensate Michele Peresso Limited for 2,129.521 litres of plasma (1434.521 litres not fractionnated + 695 litres from which originated the non lifted product)."*

*44. Fir-rapport Camilleri, Formosa u Farrugia hemm kalkolu illi mill-2,656.521 litres kellhom johorgu 371.913IUs u filwaqt li 75IUs gew attwalment konsenjati u accettati mid-Dipartiment, kien hemm 296,913IUs li ma gewx konsenjati u ghalhekk anke kif ammess minn Farma Biagini, ghandu jkun hemm kreditu relattiv. Skont il-kuntratt, il-credit rate huwa ta' 17 cents kull 140IUs li dan igib ammont ta' Lm361 kif indikat mill-imsemmi rapport u ghalhekk f'dan ir-rigward it-talba tad-Dipartiment ghall-credit hija gustifikata u dan l-ammont ghandu jigi addebitat lil Michele Peresso Limited.*

*45. Illi ghalhekk Michele Peresso Limited ghandha thallas lid-Dipartiment tas-Sahha credit ammontanti ghal €841 ekwivalenti ghal Lm 361 <u>Human Albumin - 2nd Batch - Ammont Mizmum €72 ekwivalenti ghal Lm 31</u>*

*46. Fil-Fractionation report ta' Farma Biagini, hemm indikat illi kienu hargu 42,937.5 grammi fir-rigward ta' viali ta' 250ml bil-5% mentri kien hemm 34,710 grammi ta' viali ta' 50ml bi 20%.*

*47. Fid-dokument prezentat minn Camilleri, Formosa u Farrugia hemm indikat illi l-ammont konsenjat fil-fatt kien ta' 41,375 grammi fir-rigward tal-viali tal-5% u 24,930 fir-rigward tal-viali ta' 20%.*

*48. Dan ifisser ghalhekk illi mill-provi prodotti, kien hemm delivery anqas minn dak attwalment prodott u f'dan ir-rigward ghalhekk il-konkluzjoni hija illi d-differenza giet mizmuma minn Farma Biagini u konsegwentement it-talba tad-Dipartiment ta' kreditu favur taghha ta' Lm31 ghandha tigi akkolta.*

*49. Illi ghalhekk Michele Peresso Limited ghandha thallas lid-Dipartiment tas-Sahha credit ammontanti ghal €72 ekwivalenti ghal Lm31.*

*<u>IVI globulins - tieni batch - Ammont Mizmum €1174 ekwivalenti ghal-LM 504</u>*

*50. Fir-rigward tal-IVI globulins fit-tieni batch, id-Dipartiment qed jippretendi li ghandu jkun hemm tnaqqis ta' Lm504. Skont ix-xhieda ta' Anna Debattista, id-Dipartiment qieghed jikkontendi li l-ebda pagamenti lil Michele Peresso Limited m'hu dovut u dan stante li l-prodott ma kienx accettabli skont ittra tad-29 ta' Lulju 1996 miktuba lid-Diretturtal-Kuntratti li kien dokument intern.*

*51. Ma' din l-ittra kien hemm rapport rilaxxat minn NIBSC li ezaminat il-prodott u bazikament waslet ghall-*

*konkluzjoni li dan il-prodott ma kienx tajjeb ghal distribuzzjoni ghall-pazjenti.*

*52. Di fatti skont ir-rapport ta' Robin Thorp ta' NIBSC fit-tieni pagna jghid hekk:*

*53. "The size exclusions HPLC results clearly indicate that the batch would fail the specifications for monomer content and fragments in most pharmacopoeias (including the European pharmacopoeia). The SDS-page results also suggest a substantial degree of degradation. Such a level of fragmentation is unusual in batches of clinical grade intravenous immunoglobulin. Batches showing the level of fragmentation detected would not be released for use in the UK. It is possible that such batches would show compromised efficacy if used for therapy in clinical indications which require intact immunoglobulin."*

*54. F'dan ir-rigward dan id-Dipartiment irrifjuta din il-konsenja totalment izda stante li d-Dipartiment ikkontenda li l-prodott kien u dejjem baqa' prodott tal-Gvern Malti, huma zammew il-prodott u hallewh jiskadi biex eventwalment jigi distrutt.*

*55. Fil-kontro-ezami razenti li sar lil Anna Debattista, hija giet mistoqsija diversi drabi jekk fil-fatt dan il-prodott intuzax izda hija dejjem baqghet tinnega li ntuzat u ghalkemm ma setghetx issib record li l-prodott eventwalment gie distrutt, stante t-trapass taz-zmien u anke tenut kont il-fatt illi hi personalment ma kinetx originarjament involuta fit-tender izda dahlet of a later stage, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-oggezzjoni tad-Dipartiment hija gustifikata u konsegwentement din id-deduzzjoni ghandha tigi milqugha.*

*56. Dan m'hux kaz ta' credt izda huwa kaz li m'ghandhiex tintlaqa' it-talba ta Michele Peress Limited ghal hlas tal-istess.*

***<u>It-Tielet Batch</u>***

*57. Fir-rigward tat-tielet batch, id-Dipartiment qed jitlob li jkun hemm deduzzjoni ta' Lm9,448 fir-rigward ta' factor 8, Lm503 fir-rigward ta' factor 9, Lm2,433 fir-rigward ta' human albumin u Lm3,266 fir-rigward tal-immunoglobulins.*

*58. Factor IX u l-immunofelobulins l-esponenti huwa tal-fehma illi t-talba tad-Dipartiment m'ghandhiex tigi milqugha u dan stante illi ma jirrizultax li s-socjeta' Michele Peresso Limited baghtet invoice fir-rigward. Dawn l-prodotti ma gewx suppliti. Illi inoltre, sabiex jintalab credit irid jigi provat illi attwalment il-prodott gie manifatturat u li l-prodott manifatturat inzamm minn Farma Biagini - fattur li ma jirrizultax u li konsegwentement din id-difiza tad-Dipartiment mhix qieghda tigi milqugha u l-ammonti mizmuma mil-kont totali ta Michele Peresso Limited ta' Lm503 (Factor IX) u LM 3266 (Immunoglobulins) ghandhom jithallsu (ill Michele Peresso Limited.*

*59. Factor VIII : Fir-rigward ta' factor VIII jigi rilevat illi bejn meta l-prodott intbaghat ghand Farma Biagini u eventwalment gie fractionated il-prodott, Farma Biagini u Michele Peresso Limited kienu gia a konoxxenza illi t-testing ghandu jsir permezz tal-Chromogenic Assay u fil-fatt kemm Farma Biagini u kif ukoll Michele Peresso Limited accettaw li jkun hekk izda f'dak il-mument ma talbux illi jkun hemm varjazzjoni fl-expected yields u kien biss wara li sar il-fractionation u wara li hareg ir-rizultat li Michele Peresso Limited beda jippretendi illi xorta wahda ghandu jithallas bl-istess rata skont dak rizultanti mit-tender.*

*60. F'dan il-kaz l-esponenti huwa tal-fehma illi d-difiza tad-Dipartiment fir-rigward ta' factor 8 hija gustifikata fis-sens illi s-socjeta' attrici ghandha tithallas ammont ridott fir-rigward ta' factor 8 - batch 3 proporzjonatament mad-differenza potency yield attwalment prodott minn ma' dawk attwalment pattwit.*

*61. Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwantita ta' frozen plasma mibghuta fit-tielet batch kienet ta' 2,976 litres. Skont ic-certifikat ta' Farma Biagini fir-rigward ta' din il-*

*konsenja huma pproducew 246 vial tal-500IU u 138 vial ta' 1000IU izda huma nnotaw illi l-yield kien ta' 87.70IU per litre minflok dak minnhom offert ta' 100U per litre (Farma Biagini fic-certifikat jsemmu 100 IU mentri fl-offerta accettata ta Peresso l-ammorit indikat kien ta' 115 IUs).*

*62. L-attur ssuplixxa 261,000 IUs minflok 339,940 IUs.*

*63. F'dan ir-rigward is-socjeta' rikorrenti lmentat illi parti mill-problema qamet ghaliex il-prodott kien dam hafna biex intbaghat lil Farma Biagini minhabba li l-istess Dipartiment ma baqax jaghmel it-test maghruf bhala SGPT ALT u ghalhekk il-Gvern Taljan kien qed jirrifjuta li jimporta l-prodott Malti minghajr certifikat dwar dan it-test. Eventwalment kellu jindahal il-Gvern Malti u l-problema gie solvuta wara certu ammont ta' zmien.*

*64. Dan l-process dam ftit xhur u l-esponenti huwa tal-fehma illi f'dan ir-rigward l-ilment ta' Michele Peresso Limited huwa parzjalment gustifikat fis-sens illi ghalkemm d-dewmien jista' jkollu impatt, dewmien ghal ftit xhur m'ghandux jkollu impatt negattiv ta' iktar minn 20% . Hemm fattur iehor fis-sens illi l-plasma jkun ilu certu zmien jingabar qabel ma jigi konsenjat u ghalhekk dan wkoll seta' kellu effett negattiv li m'ghandux jbati ghalih l-attur. Tenut kont l-premess l-esponenti huwa tal-fehma li l-eventwali ammont li ser jirrizulta fil-paragrafi segwenti ghandu jigi ridott b'10%.*

*65. Skont ic-certifikat ta' NIBSC, li f'dan ir-rigward kien accettat li jintuza' t-test kromogeniku, irrizulta illi apparti illi ma kienx hemm prodott il-kwantita' ta' viali kif mistenni, il-potency ukoll tal-viali prodotti kien mankanti u fil-fatt qieghed jirrizulta illi fir-rigward tal-viali li suppost kellhom 500IUs, dawn kellhom 403.8IUS u inoltre, fir-rigward tal-viali li suppost kellhom 1000IU, dawn gew certifikati li kellhom 915.90IU u ghalhekk l-esponenti huwa tal-fehma illi fdan ir-rigward ghandu jkun hemm riduzzjoni ulterjuri biex jirrifletti dan in-nuqqas.*

*66. Michele Peresso Limited baghtet kont ibbazat fuq konsenja ta' 123,0001U fir-rigward tal-viali li suppost kellhom 500IU izda stante li dawn kellhom 403.8IU. Nuqqas ta' cirka 20% u cjoe 25,000IU.*

*67. Fir-rigward tal-138 vial ta' 1000IU, minflok 1000IU instab li kien hemm 815IU li huwa bejn wiehed u iehor l-istess persentagg bhal viali ta' 500IU u ghalhekk ukoll f'dan ir-rigward l-esponenti huwa tal-fehma li ghandu jkun hemm tnaqqis ta' cirka 20% li jigu cirka 27,000IU).*

*68. Ghalhekk fir-rigward ta' factor 8 ghandu jkun hemm kalkolu bbazat fuq tnaqqis ta' kumpens relatat ghal 27,000 + 25,000 = 52,000IU li bir-rata ta' Lm0.0729 ghal kull IU jgibu total ta' Lm3,656 ekwivalenti ghal €8516. It-talba attrici ghandha tigi ridotta b'dan l-ammont u ghalhekk mill-ammont mizmum ta Lm9,448, s-socjeta` Michele Peresso Limited ghandha tircievi s-somma ta' Lm5792 ekwivalenti ghal €13,492 (u cjoe` l-ekwivalenti ta' Lm9,448 - Lm3,656).*

*69. Apparti dan ghandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri ta' 10% fuq dan l-ammont kif intqal aktar 'l fuq u ghalhekk s-somma finali li s-socjeta' attrici ghandha tircievi hija ta' €12,143 ekwivalenti ghal Lm5,213.*

*70. Human Albumin Batch 3 - Fir-rigward ta' batch 3, human albumin, skont ir-rapport ta' Farma Biagini, huma kienu ssuplew 3,240 vial ta' 5% (250ml) korrispondenti ghal 40,500grams, 2,500 vial ta' 20% (50ml), total ta' 65,500 vial li huwa ekwivalenti ghal 2,273.7 litres fractionated. Huma pero' kkontjaw lil Michele Peresso Limited ghal 2,500 litres plasma li fi kliemhom*

*"is the minimum batch as stated in our offer".*

*71. Huwa minnu li fil-fatt hekk kien, pero' l-esponenti huwa tal-fehma illi s-socjeta' Michele Peresso Limited hija intitolata biss ticcargja ghal dak li attwalment issuplit (hemm diskrepanza zghira ta' fir-rigward tal-vijali tal-20% (50ml) izda dan huwa de minimis u ghalhekk ghal fini ta'*

*komputazzjoni l-esponenti ser joqghod fuq l-ammont totali ta' 65,500 grammi).*

*72. Id-Dipartiment qieghed jikkontendi illi ghandu jkun hemm tnaqqis ta' Lm2,433.38 li huwa ekwivalenti ghal kemm kienu jiswew 8,420 gramma li ma gewx suppliti tenut kont l-expected yield tal-prodott.*

*73. F'dan ir-rigward l-esponenti huwa tal-fehma illi ma gewx prodotti provi sodisfacenti biex juru illi attwalment kien hemm xi tort da parti ta' Michele Peresso Limited f'dan ir-rigward. Huwa evidenti illi Farma Biagini pprovat testrapola l-massimu tal-albumin li setghet testrapola mill-prodott lilha moghti izda kull ma rnexxiela tilliftja kienu 65,500 gramm li huwa ekwivalenti ghal kemm suppost kellhom jaghtu 2,273.7 litres.*

*74. Billi d-dipartiment gie iccargjat ghal kemm kienu jigi estrapolati minn 2500 litre, kalkolu approssimattiv jindika illi fil-fatt hemm avarija ta' cirka 10% u konsegwentement ghandu jkun hemm tnaqqis ta' cirka 10% li l-Arbitru qieghed jikkalkula arbitrio etbono viri bhala ammontanti ghal Lm1,800.*

*75. Illi ghalhhekk mill-ammont mizmum ta' Lm2,433 d-dipartiment huwa gustifikat li jzomm Lm1,800 u b'hekk Michele Peresso Limited hija intitolata ghal-hlas tad-differenza ammontanti ghal Lm633 ekwivalenti ghal €1,474.*

*Ri-assunt dwar l-mertu- Bhala riassunt, l-konkluzjoni hija kif ser jinghad:*

***2nd Batch***

*<u>Factor VIII-</u> Michele Peresso Limited ghandha tircievi l-ammont ta' €22,536 ekwivelenti ghal Lm9,675*

*<u>Factor IX</u> - Michele Peresso Limited ghandha thallas lid-Dipartiment tas-Sahha credit ammontanti ghal*
*-€841 ekwivelenti ghal Lm361*

*<u>Human Albumin</u> -Michele Peresso Limited ghandha thallas lid-Dipartiment tas-Sahha credit ammontanti ghal -€72 ekwivalenti ghal-LM 31.*

*<u>IVI globulins-</u> M'ghandhiex tintlaqa' it-talba ta' Michele Peresso Limited ghal-hlas ta l-istess.*

***<u>3rd Batch</u>***

*<u>Factor IX u Immunoglobulins</u> - l-ammonti mizuma ghandhom jithallsu lil Michele Peresso Limited €8,779 ekwivalenti ghal Lm 3,769*

*<u>Factor VIII</u> - Michele Peresso Limited ghandha tircievi s-somma ta' €12,143 ekwivalenti ghal Lm 5,213*

*<u>Human Albumin</u> -Michele Peresso Limited hija intitolata ghal-hlas <u>tad-differenza ammontanti ghal €1.474 ekwivalenti ghal Lm633</u>*

***Total ii ghandha tircievi s-socjeta` Michele Peresso Limited € 44,019 ekwivalenti ghal Lm18,898***

*Interessi*

*76. Jifdal biss it-talba tas-socjeta' attrici fir-rigward tal-interessi. Jirrizulta illi l-kumpanija attrici baghtet ittra ufficjali fit-23 ta Settembru 1998 li giet debitament notifikata u konsegwentement l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar. Huwa qed jikkontendi illi l-interessi jibdew joperaw b'effett mid-data tal-konsenja u li ghandu jopera l-lata payment directive.*

*77. L-esponenti huwa tal-fehma li l-imghax ma jiddekorrix awtomatikament u inoltre l-lata payment directive ma japplikaz ghaliex hawn si tratta ta' kuntratt u konsenja li sehhew qabel ma din d-direttiva giet applikabbili ghal Malta. Inoltre lanqas ma jista jinghad li dan kien xi kaz ta' xi debitu semplici u determinat. Kien hemm varji komplessitajiet li qamu fir-rigward tal-metodu ta' testing tal-prodott supplit, kif ukoll fir-rigward tal-kwantitajiet suppliti u l-kwalita' tal-istess u ragunijiet ghaliex ma*

*ntlahqux l-yields mistennija li dwarhom fil-parti 'l kbira l-partijiet m'hux dejjem kellhom kontroll fuqhom.*

*78. Illi ghalhekk l-esponenti huwa tal-fehma illi l-interessi ghandhom jiddekorru minn dakinhar tal-ittra ufficjali u mhux qabel u liema interessi ghandhom ikunu interessi semplici u mhux komposti bir-rata stipulata mill-ligi ta' 8%.*

*Dipartiment tal-Kuntratti*

*79. Mill-provi prodotti jirrizulta li mhux d-dipartiment tal-kuntratti li attwalment jrid jaffettwa l-hlas pero` mill-banda 'l ohra l-presenza ta' dan d-dipartiment kellha certu utilita` u kien involut fil-process li ta loka ghal vertenza u kien wiehed mill-firmatarji tal-ftehim tat-2003, illi ghalhekk ghalkemm mhux ser jkun hemm kundanna kontra dan d-dipartiment, l-esponenti huwa tal-fehma li dan d-Dipartiment ghandu jhallas I-ispejjes tieghu.*

*Decide*

*80. Ghal dawn il-motivi l-Arbitru jaqta u jiddeciedi billi jikkundanna lid-Dipartiment tas-Sahha sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €44,019 ekwivalenti ghal Lm18,898 flimkien mal-interessi ta' 8% fis-sena b'effett mit-23 ta Settembru 1998.*

*81. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kwantu ghal terz ghas-socjeta` Michele Peresso Limited u zewg terzi ghad-Dipartiment tas-Sahha. L-ispejjez tad-Dipartiment tal-Kuntratti jkunu bla taxxa.*

Rat ir-rikors tal-Appell tat-Tabib Principali tal-Gvern datat 20 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' April 2011.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Michele Peresso Limited (C6469) u Appell Incidentali tal-istess Michele Peresso

Limited datata 10 ta' Jannar 2011 a fol 14 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Arbitu hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Bridgette Gafa` ghall-appellanti. Il-kawza giet posposta. Meta regghet ssjehet il-kawza deher ukoll Dr. Edward Debono ghall-appellat prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz l-lodo arbitrali fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Dicembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravji tal-appellanti huwa li (a) saret interpretazzjoni hazina tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet ghaliex inghad li s-socjeta' appellata accettat is-somma ta' Lm104,122 bil-patt li twaqqa` il-pretensjonijiet kollha kontra l-Gvern naxxenti mill-kuntratt imsemmi; (b) li l-arbitru ma kkonsidrax u ma kkalkulax li l-Gvern ghandu krediti kontra s-socjeta' appellata li kienet dwar il-kaz tal-Factor VIII li kellu jkollu *potency* imsemmija li u ghalhekk is-socjeta' appellata ma thallsitx tieghu ghaliex skond l-appellanti tali *potency* ma gietx milhuqa; dan apparti krediti ohra fejn is-socjeta' appellata giet fornita plasma sabiex hija tohrog prodott li kellu bzonn il-Gvern u dan kien iktar minn dak li l-Gvern kellu bzonn u dan il-punt gie milqugh mill-arbitru.

Illi l-ewwel aggravju mqajjem mis-socjeta' appellata hija li dan ma huwiex punt ta' dritt li dwaru hemm appell quddiem dini il-Qorti skond l-**artikolu 70 A (3) (b) u (c) tal-Kap. 387.**

Illi jinghad li dak li gie riferit lill-Arbitru kien The Dispute skond in-*Notice of Arbitration* tas-socjeta' appellata

konsistenti f' *"Balance of payment from Tender No – T 296/93 DHMS 6731/92/BF for the fractionation of Maltese plasma. Michelle Peresso Ltd. Secured the tender and a balance of Lm130,751.60 was in dispute, out of which Lm104.122 were settled on the 1st April 2003 leaving a balance still due of Lm26,221, plus interest as per directive EC 2000/35 which became law on the 29th June 2000, The parties agreee that this party agree be decided by arbitration. Respondent rebuts that the above claims and claims that the above mentioned sum is actually due to him by claimant and accordingly a counter-claim is being filed"* u dan skond *Arbitration Agreement* iffirmat bejn iz-zewg partijiet.

Illi sabiex tigi deciza din il-pendenza kellu jigi ezaminat il-ftehim datat l-1 ta' April 2003 iffirmat bejn il-partijiet u wkoll id-Direttur tal-Kuntratti li jghid testwalment li:-

*"The meeting was held with a view to reaching an amicable solution to outstanding financial problems related to the contract for "Fractionation of Maltese Frozen Plasma" CT – 2311/93, DHMS 6731/92/BF.*

*During the meeting, which was held in a cordial atmosphere, the following conclusions were reached:*

*1. Michele Peresso Ltd. Agreed to drop all their claims against Government with regard to this contract;*

*2. In return Government will pay Michelle Peresso Ltd. the sum of Lm104.122 out of a global claim against the firm of Lm130,344 – the only outstanding issue being related to "Credits" in respect of which a sum of Lm26,221 will still be withheld pending future discussions;*

*3. As a sign of goodwill Michelle Peresso Ltd. agreed to drop their claim against Government in respect of the contract CT 2179/94 DHMS 9708/93 – Supply of Anti-Haemophelia Factor VIII 1000 – L/A No. 158 of the 10th March 1995, and totalling Lm26,895 including Lm9,476 interest.*

*4. The above agreement shall become into force if final approval by the Ministry of Finance is granted."*

Illi jidher li l-partijiet qed jaqblu li din l-approvazzjoni inghatat (ara l-ahhar paragrafu tal-memo ta' Stephen Muscat data 23 ta' Frar 2007 – *"But the Ministry of Finance, took the decision so the hypothesis is now a reality and it happened")* mill-Ministeru tal-Finanzi, u allura l-kwistjoni tirrisolvi ruhha fuq interpretazzjoni tal-ftehim fuq indikat, u fil-fatt dwar l-istess inghatat id-decizjoni tal-Arbitru hawn appellata, u dwar dan din il-Qort thoss li dan l-appell jinvolvi nterpretazzjoni tal-imsemmi ftehim bejn il-partijiet, u dan kellu fil-fatt jaghmel, kif ghamel l-Arbitru, u sabiex ta l-lodo arbitrali tieghu l-Arbitru kellu jimxi, anke jekk ma jirreferix ghalihom specifikatament, ghall-principji li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti, u dan ghaliex id-decizjoni tieghu kellha tinghata skond il-ligi.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Lay Lay Company Limited vs L-Ghajn Construction Limited"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Gunju 2011) dan il-punt biss jinvolvi fih innifsu punt ta' ligi, u dan anke jekk l-istess lodo fid-determinazzjoni tal-pretensjoni tas-socjeta' appellata, ma jirreferix specifikatament ghad-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar interpretazzjoni ta' kuntratti, ghaliex huwa fuq l-istess disposizzjonijiet li tali vertenza kellha tigi deciza u fil-fatt l-istess Arbitru nnifsu ghamel riferenza ghal certi regoli ta' interpretazzjoni fosthom li *"l-ftehim fuq imsemmi ghandu jigi interpretat min qari totali tal-istess u mhux billi tigi estrapolata parti wahda u tinjora l-kumplament ta' dak li hemm miktub";* fl-istess lodo mbaghad (para. 13 sa 19) l-Arbitru interpreta l-kontenut tal-istess ftehim u dan billi uza r-regoli ta' interpretazzjoni, anke jekk dan ma ghamilx riferiment specifiku ghalihom, izda ma hemm ebda dubju, li altrimenti, mod jew iehor, ma setax jinterpreta tali ftehim, jekk mhux konkordi ghar-regoli ta' interpretazzjoni tal-istess stabbiliti mill-**Kodici Civili**.

Illi ghalhekk jirrizulta wkoll li tali regoli ta' interpretazzjoni kellhom jigu applikati sabiex jinterpretaw dak li hemm redatt fil-kuntratt imsemmi, u certament li tali regoli ta' interpretazzjoni huma punt ta' dritt, jew ahjar punt ta' ligi li

jitnissel mid-decizjoni finali jew lodo, u dan peress li fuq tali interpretazzjoni kellu jiddependi l-ezitu tal-kweziti referiti lill-Arbitru, u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' appellata qed tigi michuda, u dan ghaliex jirrizulta li t-Tribunal kellu jiddependi fuq punti ta' dritt sabiex jaghti d-decizjoni tieghu; u wkoll ghaliex qed jigi kontestat li bid-decizjoni moghtija kien hemm allura applikazzjoni hazina tar-regoli ta' interpretazzjoni ghal dak li huwa l-ftehim bejn il-partijiet.

Illi dwar il-mertu tal-appell u allura dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li l-ewwel regola li trid tigi kkonsidrata hija dik li provduta fl-**artikolu 1002 tal-Kap. 16** fis-sens li :-

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni".*

Illi fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2000) proprju fuq is-suggett ta' interpretazzjoni ta' kuntratt inghad li *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi fis-sentenza **"Emmanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) inghad li dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li ma tirrizultax li saret f'din il-pendenza.

Illi dan il-principju gie applikat konsistentement minn dawn il-Qrati u hawn issir riferenza ghas-sentenzi **"Bartolomeo Micallef vs JCR Limited"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Jannar 2009) fejn inghad li la darba *"minn qari tal-istess kuntratt*

*jirrizulta car li l-kliem tal-istess ftehim jindikaw b'mod preciz x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet u dan kien li jigi trasferit bhala korp il-hanut hemm indikat, b'mod li ma hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni (**artikolu 1002) "Avukat Dottor Joselle Farrugia vs Dr. Pascal Demajo et nomine"** (P.A. (PS) -0 9 ta' Dicembru 2002)"* mela allura ghandu jigi ritenut li l-intenzjoni tal-partijiet hija manifestata b'dak li jipprovdi b'mod car l-istess kuntratt u ma ghandux ikun hemm ebda lok ta' interpretazzzjoni.

Illi fis-sentenza **"John Spiteri et vs Popeye Investments Limited"** (A.C. – 3 ta' Novembru 2006) inghad illi kif *"ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet **Elena Micallef v. E. Ciantar** (Vol.X.345) deciza fit-3 ta' Jannar 1884 "quando sorgono difficolta' sulla intelligenza delle condizione di un contratto e sulle conseguenze, la legge forinisce alcune norme indicattive e dimonstrative e criteri diretti come mezzi d'interpretazione, senza vincolare la liberta; del giudicante, tenuta a prendere in calcolo le circostanze speciali in ciascun caso".*

*"Hawhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti –*

*i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; **Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe** (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973);*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss*

*jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien **("J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997")".*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997).*

Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza **"Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens *"li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**)".*

Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Gemma Fenech vs John Bugeja"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:-

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allua ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".*

*"Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa*

*diga car (“**Joseph Gatt vs Joseph Galea”,** Appell Civili, 14 ta’ April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta’ testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (**Vol. XXXIX.iii.p855** u r-rassenja ta’ gurisprudenza f’din is-sentenza kontemplata”.*

Illi ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hija li wiehed jezamina d-dicitura tal-ftehim fuq indikat u jara jekk dan huwiex car, liema ftehim huwa f’dan is-sens:-

*“The meeting was held with a view to reaching an amicable solution to outstanding financial problems related to the contract for “Fractionation of Maltese Frozen Plasma” CT – 2311/93, DHMS 6731/92/BF.*

*During the meeting, which was held in a cordial atmosphere, the following conclusions were reached:*

*“1. Michele Peresso Limited agreed to drop all their claims against the Government with regards to this contract.*

*2. In return the Government will pay Michele Peresso Limited the sum of Lm104,122 out of a global claim against the firm of Lm130,334 - the only outstanding issue being that related to credits in respect of which a sum of Lm26,221 will still be withheld pending future discussions.*

*3. As a sign of goodwill, Michele Peresso Limited agreed to drop their claim against Government in respect of contract CT2179/94, OHMS 9708/93 - supply of anti-hemophelia Factor 8 1000 - L/A no. 158 of 10th March 1995 totalling Lm26,895 including Lm9,476 interests.*

*The above agreement shall come into force only if final approval by the Ministry of Finance is granted”.*

Illi kif inghad jirrizulta li eventwalment inghatat l-istess approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi u sar il-hlas ta’ Lm104,122 fuq imsemmi u baqghet biss il-kwistjoni ta’ Lm26,221 liema pretensjoni tifforma l-mertu ta’ dawn il-

proceduri kemm bhala dak pretiz  bhala mertu tat-talba ("claim") tas-socjeta' Michele Peresso Limited kif ukoll bhala kontro-talba da parti tad-Dipartment tas-Sahha.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li jirrizulta car li mill-kliem stess tal-istess ftehim li l-unika pendenza bejn il-partijiet kienet biss l-ammont ta' Lm26,221 li s-socjeta' appellata kienet qed tippretendi ghall-hlas ta' provisti mertu tat-Tender CT – 2311/93, DHMS 6731/92/BF u dan ghaliex kien hemm disputa bejn il-partijiet jekk certi provisti fl-ammont hemm indikat kienux tal-kwalita' miftehma bejn il-partijiet, u ma kien hemm ebda pretensjoni ohra, la minn naha tas-socjeta' appellata, u lanqas mis-socjeta' appellata, b'dan li l-ammont li fil-kontro-talba tal-arbitragg l-appellanti kien qed jitlob minghad is-socjeta' appellata, kien proprju l-istess pagament li kienet qed tippretendi s-socjeta' appellata fl-ammont ta' Lm26,221, tant li fl-istess ftehim ma kien hemm ebda referenza ghall-ebda kreditu iehor pretiz mill-appellanti. Dan ifisser li l-unika kwistjoni li kien hemm kienet dwar il-hlas bilancjali tas-somma hemm indikata u xejn izjed. Dan johrog car mill-istess ftehim, meta dan jinqara fl-intier tieghu u allura kienet korretta d-decizjoni tal-arbitru li *"l-allegati credits li huma mertu ta' dawn l-proceduri in parti (parti zghira kif ser jinghad aktar 'l quddiem) huma credits izda l-parti l-kbira m'humiex izda huma biss pretenzjoni tal-Gvern ta' Malta fir-rigward tal-fatt illi skont il-Gvern ta' Malta xi prodotti ma kellhomx il-potency patwit bejn il-partijiet u ghalhekk kellu jinghata kumpens relattiv".*

Illi jinghad ukoll li fid-decizjoni tal-Arbitru, konsistentement ma' dak hawn deciz, dak li gie trattat fil-lodo kien biss il-bilanc li allegatament is-socjeta' appellata ppretendiet li ghad ghandha tiehu, li kien thalla pendenti bejn il-partijiet fl-istess ftehim, u qatt u fl-ebda mument ma gew trattati xi krediti *("credits")* ohra, kif qed jghid l-appellant. L-unika punt huwa jekk l-ammont ta' Lm26,221 kienx dovut mill-appellant, u jekk le ghaliex ma kienx dovut dak l-ammont, u/jew kemm kien attwalment dovut minn tali somma.

Illi l-aggravju l-iehor tal-appellant huwa li l-arbitru ma kkonsidrax u ma kkalkulax li l-Gvern ghandu krediti kontra

s-socjeta' appellata li kienet dwar il-kaz tal-Factor VIII li kellu jkollu *potency* imsemmija li u ghalhekk is-socjeta' appellata ma thallistx tieghu ghaliex skond l-appellanti tali *potency* ma gietx milhuqa. F'dan is-sens l-appellant jargumenta li parti mit-tieni u t-tielet *batch* ma kellhiex il-*potency* skond it-testijiet minnha kondotti maghrufa bhala Cromogenic Assay testjati mill-NIBSC, u dan skond standards applikabbli internazzjonalment u jinghad li t-testijiet ohra gew sorpassati, u li l-kuntratt gie konkluz bil-kundizzjoni li jsiru testijiet skond standards internazzjonali tal-Farmakopeja u mhux *in house* – u allura mis-socjeta' manufattrici.

Illi dwar dan jinghad li l-ispecifikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet kien jghid li:-

*"All pharmaceutical and dressings should meet those standards established by the British/European/International pharmacopeia or the British Pharmaceutical Codex or with standards acceptable to the Superintendent of Public Health. The Government reserves the right to request a certificate of analysis"*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dwar l-ewwel *batch* ma kienx hemm problemi u huwa pacifiku li dan kien gie ttestjat ghall-*potency* ta' *anti-haemophilia factor* VIII skond il-metodu koagulattiv – u dwar dan kien hemm qbil bejn il-partijiet, izda it-tieni *batch* gie ttestjat mill-appellant skond dak li jissejjah bhala Chromogenic Assay proprju mill-Laboratorju Ingliz, u dan ghaliex sadanitant il-pharmoceia Ingliza kienet bidlet it-testijiet taghha b'dan li kien hemm avarija approsimattiva ta' 20% sa 30% bejn it-test koagulattiv u l-metodu kromogeniku, b'dan allura li fil-waqt li l-prodott baqa' l-istess, it-testijiet applikati fuqu kienu differenti.

Illi l-appellant jghid li skond il-ftehim it-tieni u t-tielet *batch* kellhom jigu soggetti ghal tali metodu kromogeniku, ghaliex dan kien it-test li kien accettabbli internazzjonalment u testijiet ohra gew sorpassati, u jinghad li dan kien l-unika test accettabbli fil-mument tal-

ispedizzjoni tat-tieni u t-tielet *batch*, u skond il-ftehim il-prodott supplit kellu jkun konformi ma' tali standards ricenti u mhux dawk ezistenti fil-mument tal-kuntratt.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa car li hawn qed nitkellmu fuq kuntratt wiehed, kemm ghall-ewwel, it-tieni u t-tielet *batch*, u jidher li l-*coagulative assey* kien accettat mill-appellant ghall-ewwel *batch*, u allura ma hemm ebda raguni ghaliex it-tieni *batch* kellu jkun suggett ghal test differenti minn dak accettat mill-appellant stess fl-ewwel *batch*, u dan iktar u iktar meta l-istess kuntratt jirreferi ghal *"any other standards acceptable to the Superintendent of Public Health".*

Illi f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel *batch* kien hekk ittestjat u ghalhekk il-metodu uzat kien skond standards accettabbli mis-Superintendent tas-Sahha, u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghaliex it-tieni u t-tielet *batch* kellu jigu suggett ghal test kompletament differenti, u dan ghaliex il-British Pharmacopea biddlet l-istandards taghha, u dan meta l-istess kuntratt jirreferi mhux biss ghall-istandards tal-British Pharmacopea, izda wkoll ghall European u International Pharmacopea, u ma jidentifikax liema wiehed ghandu jintuza. Fil-fatt ma giex ippruvat li tali standards skond it-testijiet bil-metodu ta' *coagulative assey* ma kienx skond l-istandards Ewropej.

Illi ma` dan jizdied jinghad li meta sar il-kuntratt, l-istandards tal-British Pharmacopea li kienu ezistenti, kienu dawk skont it-testijiet kondotti bil-*coagulative asseys*, li gew ukoll accettati mill-appellanti, u allura dawn kienu l-istandards li l-partijiet qablu dwarhom fil-mument tal-kuntratt; it-tibdil fil-British Pharmacopea u fl-istandards tal-istess permezz tal-applikazzjoni tal-metodu kromogeniku, sar fil-mori tal-esekuzzjoni tal-kuntratt, u la darba skond il-kuntratt, ma hemmx specifikatament miftiehem il-metodu ta' testjar tal-istess fractation, mela allura dan ifisser li effettivament kien qed jinbidel il-metodu ta' testjar pattwit fil-mument tal-kuntratt, u allura jekk tigi accettata t-tezi tal-appellant, ikun ifisser li jkun hemm effettivament tibdil f'dak li kien il-ftehim bejn il-partijiet, u dan iktar u iktar meta l-istess ftehim ma

jipprovdix li l-istess prodott kellu jigi ttestjat skond testijiet aktar ricenti, li dahlu fis-sehh wara l-iffirmar tal-kuntratt, u li allura jvarjaw minn dawk originarjament pattwiti bejn il-partijiet, u effettivament anke wara accettati mill-partijiet.

Illi tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti thoss li l-konsiderazzjonijiet tal-Arbitru f'dan il-kuntest kienu wkoll korretti u hawn din il-Qorti tirreferi ghall-paragrafi 30 sa 31 tal-lodo arbitrali u tikkonferma l-istess, u b'hekk anke dan l-aggravju da parte tal-appellant kif impost qed jigi michud; dan il- *coagulative assey*.

Illi dwar l-ilmenti l-ohra, jinghad li l-appell odjern jikkoncerna (a) l-ammont ta' €22,536 ekwivalwenti ghal Lm9,675 fir-rigward ta' Factor VIII tat-Tieni *Batch*; (b) l-ammont ta' €8,779 ekwivalenti ghal Lm3,769 relattiv ghal Factor IX u Immunoglobins tat-Tielet *Batch*; (c) l-ammont ta' €12,143 ekwivalenti ghal Lm5,213 relattiv ghall-Factor VIII tat-Tielet *Batch*; u (d) ghall ammont ta' €1,474 ekwivalenti ghal Lm633 fir-rigward ta' Human Albumin fit-tielet *batch* u dan kif jirrizulta mit-tielet pagna tar-rikors tal-appell tal-paragrafu fin-nofs ezatt tal-istess pagna (fol. 3).

Illi dwar l-aggravju (a) jinghad li dan jirreferi ghal dak li huwa t-tieni *batch* dwar l-item *Albumin Factor VIII* u dwar l-istess hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li japplika l-istess argument fuq indikat u abbraccjat mill-Arbitru (Lm9,675 – ekwivalenti) u allura l-appell tal-appellant f'dan il-kuntest qed jigi ; (c) l-istess jinghad dwar l-item *Albumin Factor VIII* fir-rigward tat-tielet *batch* bid-differenza li din il-Qorti pero' li l-istess argument fuq riprodott ghandu jigi applikat ukoll ghal din il-*batch*, b'dan allura li t-test li kellu japplika f'dan il-kaz kellu jkun dak l-istess li gie applikat ghat-tieni *batch*; dwar id-dewmien dan kien dovut ghall-appellant u allura f'dan il-kuntest l-appell tal-appellanti fuq l-ammont ta' Lm5,213 (€12,143) qed jigi michud fil-waqt li qed jigi accettat l-appell incidentali fis-sens li l-ammont ta' Lm9,448 (€22,007.92) ma ghandu bl-ebda mod jigi mnaqqas ghaliex l-istess argument fir-rigward ta' *batch* 2 ghandu japplika fir-rigward ta' *batch* 3 wkoll.

Illi dwar l-aggravju (b) li jikkoncerna l-ammont ta' Lm3,769 (€8,779) fir-rigward ta' Factor IX u Immunglobulins tat- Tielet *Batch* jirrizulta li l-istess arbitru sostna li ma kien supplit l-ebda ammont minn dan, u allura jekk hekk huwa l-kaz mela allura hija inkomprensibbli l-konkluzjoni tal-arbitru f'dan ir-rigward li xorta wahda jrid isir il-hlas ta' €8,779, u ghalhekk dan l-aggravju qed fuq dan il-punt jigi milqugh.

Illi dwar l-aggravju ndikat hawn f'din id-decizjoni bhala (d) li huwa mmirat ghal Human Albumin f'*Batch* 3 fejn l-Arbitru naqqas is-somma mitluba mis-socjeta' appellanti ghall dik ta' Lm633 ekwivalenti ghal €1,474, din il-Qorti ma tara l-ebda bazi ghaliex il-konkluzjonijiet tal-Arbitru f'dan ir-rigward ghandhom jigu b'xi mod mibdula, ghaliex dan l-ammont huwa bbazat fuq dak li s-socjeta' appellata attwalment forniet lill-appellant kif spjegat f'paragrafi 70 sa 75 tal-lodo, u ghalhekk l-aggravju tal-appellanti fuq dan il-punt qed jigi wkoll rigettat.

Illi jibqa' l-ahhar punt, dwar l-imghax li ghandu jkun dovut peress li l-ammont mitlub mis-socjeta' appellata kien wiehed specifiku ta' Lm26,221 (ekwivalenti ghal €61,078.50) u l-ammont li attwalment qed jigi koncess li ghandha tiehu s-socjeta' appellata huwa dak ta' €22,536 + €12,143 + €1,474, ekwivalenti ghal €36,153 (Lm15,520.48), li huwa ammont sostanzjalment inqas minn dak mitlub fl-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1998, din il-Qorti thoss li l-interessi fuq l-istess ghandhom jiddekorru mid-data ta' ftehim datat l-1 ta' April 2003.

Illi dwar ir-rata ta' interessi tenut kont li l-prodotti gew suppliti qabel ma giet in vigore d-Direttiva EC Directive 2000/35 mela allura r-rata ta' imghax applikabbli hija dik ta' 8% b'effett kif inghad mid-data tal-1 ta' April 2003.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad r-risposta tal-appell tas-socjeta' appellanti biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-**

**appellanti u tilqa' wkoll l-appell incidentali tas-socjeta' appellata, u dan biss u unikament in kwantu l-istess huma rispettivament konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li tirriforma d-decizjoni tal-arbitru fl-ismijiet premessi "Michele Peresso Limited vs Dipartiment tas-Sahha et" datata 3 ta' Dicembru 2010, u minflok tiddeciedi li l-ammont dovut mill-appellanti Dipartiment tas-Sahha lis-socjeta' appellata huwa l-ammont ta' sitta u tletin elf mija u tlieta u hamsin ewro (€36,153) ekwivalenti ghal hmistax-il elf hames mija u ghoxrin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm15,520.48) bl-imghax legali ta' 8% mid-data tal-1 ta' April 2003 sal-effettiv pagament, b'dan li tikkonferma li d-Direttur tal-Kuntratti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Bl-ispejjez tal-proceduri quddiem l-Arbitru u ta' dan l-appell ghandhom jinqasmu kwantu ghall-zewg minn hames (2/5) parti ghas-socjeta' appellata, u tlieta minn hames parti (3/5) mill-appellant. L-ispejjez tad-Dipartiment tal-Kuntratti jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------